Minuti tal-laqgħa b'urġenza numru tnejn u għoxrin (22) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar l-Erbgħa, 4 ta' Marzu, 2026 fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Is-Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| UFFIĊJALI: | Dr Claire Bonello LLD | Avukat |
| Dr Joseph Zammit LLD | Avukat | |

21.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija** Ittri ta' Apoloġija

Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku, ppresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba flimkien. Is-SE qal illi rċieva messaġġ mingħand is-Sur Nazju Cassar li kien indispost.

22.02 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus spjega illi ġiet imsejħa din il-laqgħa fid-dawl illi minkejja li twaqqaf ix-xogħol fuq ir-razzett li qed jinbena taħt l-Għajn t'Għeriexem mill-Awtoritaà tal-Ippjanar għaliex l-iżviluppatur ma kien għamel xejn matul dawn is-snin kollha bi ksur tal-permess, xorta dan jista jappella mid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar u jitkompla x-xogħol jekk jirbaħ l-appell.

Għaldaqstant magħna on-line għandna lil Dr Claire Bonello u lil Dr Joseph Zammit biex jispjegawlna kif se nipproċedu. Ftit qabel il-laqgħa Dr Claire Zammit bagħtet żewġ proposti biex minnhom jagħżel il-Kunsill Lokali tar-Rabat biex ikollu bażi tajba ħalli l-Wied t'Għeriexem ma jinqeridx.

Dawn iż-żewġ proposti huma
(i) Visual Integrity buffer zone
(ii) Strategic Open Gap

Dwar din tal-aħħar, Dr Claire Bonello esebiet pjanta kkulurita b'partijiet bl-aħdar fejn dan diġa jeżisti u parti oħra tmiss ma' din il-parti mmarkata bl-isfar fejn din iz-zona m'hix ikklassifikata bħala Strategic Open Gap u fiha hemm dan ir-razzett.
Il-proposti ta' Dr Bonello qed jittieħdu bħala parti mill-minuti u l-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda li jmur għat-tieni proposta għaliex hemm aktar ċans li jitwaqqaf dan l-iżvilupp.

Il-Kunsill qabel unanimament li jikkummissjona lil Dr Claire Bonello biex tinkariga ruħha f'isem il-Kunsill Lokali tar-Rabat biex tapplika mal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar u tibgħat kopja lill-Ministru ta' dan is-suġġeriment li qed jagħmel il-Kunsill biex isalva l-Wied t'Għeriexem.

Wara l-laqgħa kien hemm xi punti mhux relatati mas-suġġett li kienu trattati fosthom il-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira, fosthom dik li se ssir fil-Kunsill mis-Sur Genovese, l-Applikazzjoni Minn Pjazza għal Pjazza għal nhar it-18 ta' Lulju, Mużika fit-toroq f'Ħamis ix-Xirka minn Mro Chris Schembri bil-finanzjament tal-Arts Council, Filmat Bibbliku, *Sallbu, Sallbu* fil-Parkeġġ, Via Sagra għall-Anzjani mil-Kumitat Anzjani nhar il-31 ta' Marzu, 2026 fid-9.30am u l-Mawra mill-istess Kumitat tal-Anzjani f'Ta' Ċiċivetta.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 25/3/26 minn

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Anthony Bonello | Sandro Craus |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |